**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jeffrey Scicluna]**
**[Spettur Mario Xiberras]**

**vs**

**Joseph Portelli**

**Kumpilazzjoni Numru: 620/2020**

**Illum, 17 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Portelli detentur tal-karta tal-identita` numru 0440469M gie akkuzat talli:

1. Nhar il-05 ta' Settembru 2020 ghall-habta ta' bejn 02:30hrs u 03:30hrs gewwa triq il-kbira, Hal Qormi irrenda ruhu komplici billi ta ordni biex isir reat ta' hruq volontarju ta' vettura bil mutur bin-numru tar-

registrazzjoni JAN787 tal-ghamla Mazda ghad-detriment ta' George Azzopardi u/jew ta' persuni ohra, filwaqt li ma kien hemm ebda persuna gewwa l-istess vettura u din l-istess vettura kienet qeghda b'mod li ma jistax jqabbad hruq, f'bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuni hemm gewwa;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fir-reat ta' hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara volontarja fuq vettura bin numru tar-registrazzjoni JAN787 tal-ghamla Mazda liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro 1-€2,500 izda izjed minn mitejn u hamsin euro (250) ghad-dannu ta' George Azzopardi minn Hal Qormi u/jew ta' persuni ohra;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub f'artikolu 533 *et sequitor* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Joseph Portelli bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati f'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' George Azzopardi, l-familjari tieghu u l-konkubina tieghu Michelle Vella.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 42, 49, 318, 325(b) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-imputat Joseph Portelli ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-procedura u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun biex jahsibha rega' kkonferma tali ammissjoni u stante li kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u stante illi l-akkuza hija mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Portelli l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**